Il-Kummissjoni Ewropea

Novembru 2017

Id-diskrepanza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa f'Malta

Id-diskrepanza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa hija d-differenza fil-pagi medji gross fis-siegħa bejn l-irġiel u n-nisa fl-ekonomija b'mod ġenerali. **F'Malta, id-diskrepanza fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa hija 10.6%**[1] (Id-diskrepanza fil-paga medja bejn l-irġiel u n-nisa fl-UE hija 16.3%).[2]

Id-diskrepanza ġenerali fid-dħul bejn is-sessi hija d-differenza bejn id-dħul annwali medju bejn l-irġiel u n-nisa. Tikkunsidra tliet tipi ta' żvantaġġi li jiffaċċjaw in-nisa:

- dħul inqas fis-siegħa;
- inqas sigħat ta' xogħol f'impjiegi bi ħlas, u;
- rati ta' impjiegi iktar baxxi (pereżempju meta tiġi interrotta karriera biex persuna tkun tista' tieħu ħsieb it-tfal jew qraba).

Id-diskrepanza fil-qligħ medja ġenerali bejn l-irġiel u n-nisa f'Malta hija 45.6%. (Id-diskrepanza fil-qligħ medju b'mod ġenerali bejn l-irġiel u n-nisa fl-UE hija 39.6%).[3]

(1) Eurostat, 2014
(2) Eurostat, 2015
(3) Eurostat, 2014



Id-diskrepanza fil-paga medja bejn l-irġiel u n-nisa f'għamla mhux aġġustata fl-UE u fl-Istati Membri (%). *Sors:* Eurostat (2015). * Dejta tal-2014. ** Dejta tal-2010.

Xi fatturi li jikkontribwixxu għad-diskrepanza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa huma:

- **Karigi amministrattivi u superviżorji** huma fil-parti l-kbira tagħhom okkupati minn irġiel. Fi ħdan kull settur, l-irġiel jiġu promossi aktar ta' spiss min-nisa, u b'konsegwenza ta' dan huma mħallsin aħjar. Din it-tendenza ssib il-kulminu tagħha fl-ogħla karigi, fejn fost is-CEOs, inqas minn 6% huma nisa.
- In-nisa jieħdu ħsieb **kompiti mhux imħallsin importanti**, bħal xogħol tad-dar u l-kura tat-tfal jew qraba fuq skala ferm ikbar milli jagħmlu l-irġiel. L-irġiel li jaħdmu jqattgħu bħala medja 9 sigħat fil-ġimgħa fuq kura mhux imħallsa u fuq attivitajiet tad-dar, filwaqt li nisa li jaħdmu jqattgħu 22 siegħa - dan jammonta għal kważi 4 sigħat kuljum. Fis-suq tax-xogħol, dan huwa rifless mill-fatt li aktar minn mara 1 minn kull 3 tnaqqas is-sigħat imħallsin għal part-time, filwaqt li raġel 1 minn kull 10 biss jagħmel dan.
- In-nisa għandhom it-tendenza li jagħmlu **xi żmien barra mis-suq tax-xogħol** aktar spiss milli l-irġiel. Dawn l-interruzzjonijiet fil-karriera ma jinfluwenzawx biss il-paga fis-siegħa, iżda għandhom impatt ukoll fuq id-dħul futur u fuq il-pensjonijiet.
- **Is-segregazzjoni fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol**; dan ifisser li fl-istess setturi u okkupazzjonijiet, in-nisa għandhom it-tendenza li jkunu rrappreżentati żżejjed, filwaqt li rġiel oħrajn huma rrappreżentati inqas. F'xi pajjiżi, l-okkupazzjonijiet li predominantement huma okkupati min-nisa, bħat-tagħlim jew bejgħ, joffru pagi inqas minn okkupazzjonijiet li predominantement jitwettqu mill-irġiel, anki meta jkun hemm bżonn tal-istess livell ta' esperjenza u edukazzjoni.
- **Id-diskriminazzjoni fil-pagi**, filwaqt li hija illegali, tkompli tikkontribwixxi għad-diskrepanza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa.

Għal aktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/gender-pay-gap/index_mt.htm

Ġustizzja u Konsumaturi